**Parlament Ewropew**
2014-2019

*Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi*

**2018/0207(COD)**

27.11.2018

# OPINJONI

tal-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri
(COM(2018)0383 – C8-0234/2018 – 2018/0207(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Sirpa Pietikäinen

(*) Kumitati assoċjati – Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura



Magħquda fid-diversità

PA_Legam

## ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Id-drittijiet tan-nisa huma drittijiet tal-bniedem. L-Artikolu 8 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jagħti lill-Unjoni l-kompitu li telimina l-inugwaljanzi u tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha. Il-kisba tal-ugwaljanza bejn is-sessi hija fl-interess tagħna kollha. Is-soċjetajiet li jħaddnu l-ugwaljanza bejn is-sessi huma aktar stabbli u aktar demokratiċi. L-ugwaljanza bejn is-sessi hija wkoll marbuta direttament mal-ekonomija, b'impatti pożittivi tal-PDG per capita. L-ugwaljanza bejn is-sessi għandha impatt fuq it-tkabbir ekonomiku permezz ta' aktar nisa fl-edukazzjoni STEM, parteċipazzjoni ogħla tan-nisa fis-suq tax-xogħol u diskrepanza aktar baxxa bejn il-pagi tal-irġiel u n-nisa[1].

Madankollu l-progress ġenerali dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Ewropa huwa bil-mod ħafna, kif rifless fl-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2017. Spiss id-drittijiet fundamentali tan-nisa jinkisru f'diversi livelli, silenzjużi u moħbija, billi jiġu ddiskriminati u trattati b'mod mhux ugwali, kif ukoll b'diversi forom ta' vjolenza kontrihom. Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) għad trid tiġi ratifikata mill-Istati Membri kollha.

L-ugwaljanza bejn is-sessi mhijiex sitwazzjoni aħħarija statika. Iridu jsiru sforzi kostanti biex tiġi promossa u tinżamm l-ugwaljanza bejn is-sessi. Għal dan il-għan, l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-Programm il-ġdid tad-Drittijiet u l-Valuri hija essenzjali. Il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru u l-monitoraġġ tal-indikaturi tal-ugwaljanza bejn is-sessi għandhom jiġu żgurati. Għandu jiġi żgurat l-ibbaġitjar skont il-ġeneru u t-taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri għall-funzjonament tal-kwalità tal-Programm u s-Sejħiet għall-Proposti tiegħu.

L-ugwaljanza bejn is-sessi u l-prevenzjoni u l-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet għandhom ikunu oqsma ta' prijorità speċifiċi tal-Programm tad-Drittijiet u l-Valuri, b'allokazzjoni separata żgurata għal-linja Daphne. Fil-programmazzjoni kollha, mhux biss tal-linja Daphne, il-parteċipazzjoni tan-nisa għandha tkun żgurata, permezz ta' approċċi mmirati, fejn meħtieġ. Huwa biss permezz ta' investimenti bħal dawn li nistgħu niksbu l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-għan aħħari tal-ugwaljanza u ta' soċjetà inklużiva, demokratika u bbażata fuq id-drittijiet, mingħajr vjolenza.

## EMENDI

Il-Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-kumitat responsabbli, biex jieħu inkunsiderazzjoni l-emendi li ġejjin:

[1] Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi (EIGE): Il-benefiċċji ekonomiċi tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-Unjoni Ewropea (2017), disponibbli: https://eige.europa.eu/sites/default/files/documents/mh0217174enn_web.pdf

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**
**Titolu**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Proposta għal | Proposta għal |
| REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL | REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL |
| li jistabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri | li jistabbilixxi l-Programm dwar id-Drittijiet***, l-Ugwaljanza*** u l-Valuri |

*Din l-emenda tapplika għat-test kollu u jeħtieġ li jsiru l-bidliet korrispondenti fit-test kollu.*

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) Dawn id-drittijiet u l-valuri jridu jibqgħu jiġu promossi u infurzati, u kondiviżi fost iċ-ċittadini u l-popli u jridu jkunu fil-qalba tal-proġett tal-UE. Għaldaqstant, fil-baġit tal-UE għandu jinħoloq Fond ġdid għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri, li jinkludi l-programm Ġustizzja u l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri. Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' estremiżmu, radikaliżmu u ***diviżjonijiet***, huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-ġustizzja, id-drittijiet u l-valuri tal-UE jiġu promossi, imsaħħa u difiżi: id-drittijiet tal-bniedem, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt. Dan se jkollu implikazzjonijiet diretti u profondi għall-ħajja politika, soċjali, kulturali u ekonomika fl-UE. Bħala parti mill-Fond il-ġdid, il-Programm Ġustizzja se jkompli jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju tal-ġustizzja tal-Unjoni u tal-kooperazzjoni transfruntiera. Il-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri se jiġbor flimkien il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u | (2) Dawn id-drittijiet u l-valuri jridu jibqgħu jiġu promossi u infurzati, u kondiviżi fost iċ-ċittadini u l-popli u jridu jkunu fil-qalba tal-proġett tal-UE. Għaldaqstant, fil-baġit tal-UE għandu jinħoloq Fond ġdid għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri, li jinkludi l-programm Ġustizzja u l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri. Fi żmien meta s-soċjetajiet Ewropej qed iħabbtu wiċċhom ma' estremiżmu, radikaliżmu***, diviżjonijiet kif ukoll theddid għad-drittijiet tal-bniet*** u ***tan-nisa, tal-LGBTQI u drittijiet tal-bniedem oħrajn, għall-ugwaljanza, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u spazju dejjem aktar żgħir għas-soċjetà ċivili indipendenti, speċjalment l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem***, huwa aktar importanti minn qatt qabel li l-ġustizzja, id-drittijiet u l-valuri tal-UE jiġu promossi, imsaħħa u difiżi: id-drittijiet ***universali*** tal-bniedem, ir-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt ***u l-appoġġ u l-protezzjoni ta' dawk li*** |

| | |
|---|---|
| Ċittadinanza 2014-2020 stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[9], (minn hawn 'il quddiem "il-Programmi predeċessuri"). | ***jiddefendu dawn il-valuri u d-drittijiet***. Dan se jkollu implikazzjonijiet diretti u profondi għall-ħajja politika, soċjali, kulturali u ekonomika fl-UE. Bħala parti mill-Fond il-ġdid, il-Programm Ġustizzja se jkompli jappoġġa l-iżvilupp ulterjuri tal-ispazju tal-ġustizzja tal-Unjoni u tal-kooperazzjoni transfruntiera. Il-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri se jiġbor flimkien il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza 2014-2020 stabbilit permezz tar-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] u l-programm Ewropa għaċ-Ċittadini stabbilit permezz tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014[9], (minn hawn 'il quddiem "il-Programmi predeċessuri"). |
| [8] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62) | [8] Ir-Regolament (UE) Nru 1381/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza għall-perjodu 2014 sa 2020 (ĠU L 354, 28.12.2013, p. 62) |
| [9] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3) | [9] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 390/2014 tal-14 ta' April 2014 li jistabbilixxi l-programm "L-Ewropa għaċ-Ċittadini" għall-perjodu 2014–2020 (ĠU L 115, 17.4.2014, p. 3) |

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Il-Fond għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri u ż-żewġ programmi ta' finanzjament sottostanti tiegħu se jiffokaw primarjament fuq il-persuni u l-entitajiet, li jikkontribwixxu biex id-drittijiet, id-diversità rikka u l-valuri komuni tagħna jieħdu l-ħajja u jkunu vibranti. L-objettiv aħħari huwa li ***titrawwem*** u ***tiġi sostnuta*** | (3) Il-Fond għall-Ġustizzja, id-Drittijiet u l-Valuri u ż-żewġ programmi ta' finanzjament sottostanti tiegħu se jiffokaw primarjament fuq il-persuni u l-entitajiet, li jikkontribwixxu biex id-drittijiet, id-diversità rikka u l-valuri komuni tagħna jieħdu l-ħajja u jkunu vibranti ***u biex jiddefinixxu dawk id-drittijiet u l-valuri u*** |

| | |
|---|---|
| soċjetà bbażata fuq id-drittijiet**,** ugwali, inklużiva u demokratika. Dan jinkludi soċjetà ċivili vibranti, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika, ċivika u soċjali tal-persuni u t-trawwim tad-diversità rikka tas-soċjetà Ewropea, fuq il-bażi tal-istorja u l-memorja komuni tagħna. L-Artikolu 11 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jispeċifika ulterjorment li l-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jsemmgħu l-opinjonijiet tagħhom u jiskambjawhom fil-pubbliku fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni. | ***dik id-diversità***. L-objettiv aħħari huwa li ***jitrawmu*** u ***jiġu sostnuti l-ugwaljanza u*** soċjetà bbażata fuq id-drittijiet ugwali, inklużiva u demokratika ***li tkun ħielsa mill-vjolenza***. Dan jinkludi soċjetà ċivili vibranti***, indipendenti u diversa***, l-inkoraġġiment tal-parteċipazzjoni demokratika, ċivika u soċjali tal-persuni u t-trawwim tad-diversità rikka tas-soċjetà Ewropea, fuq il-bażi tal-istorja u l-memorja komuni tagħna. L-Artikolu 11 tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea jispeċifika ulterjorment li l-istituzzjonijiet għandhom, permezz ta' mezzi xierqa, jagħtu liċ-ċittadini u lill-assoċjazzjonijiet rappreżentattivi l-opportunità li jsemmgħu l-opinjonijiet tagħhom u jiskambjawhom fil-pubbliku fl-oqsma ta' azzjoni kollha tal-Unjoni. |

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Jenħtieġ li l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri jippermetti l-iżvilupp ta' sinerġiji biex jiġu indirizzati l-isfidi li huma komuni għall-promozzjoni u għall-protezzjoni tal-valuri u biex tintlaħaq dimensjoni kritika sabiex jinkisbu riżultati konkreti fil-qasam. Dan għandu jinkiseb billi jimxi fuq il-passi tal-esperjenza pożittiva tal-Programmi predeċessuri. Dan ***għandu jippermetti*** li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-sinerġiji, li jiġu appoġġati b'mod aktar effettiv l-oqsma politiċi koperti u li jiżdied il-potenzjal tagħhom biex jilħqu lill-persuni. Sabiex ikun effettiv, il-Programm ***għandu*** jqis in-natura speċifika tal-politiki differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom permezz ta' approċċi mfassla apposta. | (4) Jenħtieġ li l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri jippermetti l-iżvilupp ta' sinerġiji biex jiġu indirizzati l-isfidi li huma komuni għall-promozzjoni u għall-protezzjoni tal-valuri u biex tintlaħaq dimensjoni kritika ***meħtieġa fil-livelli kollha*** sabiex jinkisbu riżultati konkreti fil-qasam. Dan għandu jinkiseb billi jimxi fuq il-passi tal-esperjenza pożittiva tal-Programmi predeċessuri. Dan ***se jagħmilha possibbli*** li jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal tas-sinerġiji, li jiġu appoġġati b'mod aktar effettiv l-oqsma politiċi koperti u li jiżdied il-potenzjal tagħhom biex jilħqu lill-persuni. Sabiex ikun effettiv, il-Programm ***jenħtieġ li*** jqis in-natura speċifika tal-politiki differenti, il-gruppi differenti fil-mira tagħhom u l-ħtiġijiet partikolari tagħhom ***u l-opportunitajiet għal parteċipazzjoni*** permezz ta' approċċi |

| | |
|---|---|
| | mfassla apposta ***u, fejn meħtieġ biex tiġi żgurata l-ugwaljanza fil-parteċipazzjoni, approċċi mmirati għall-promozzjoni ta' kull tip ta' ugwaljanza u ugwaljanza bejn is-sessi fil-politiki tiegħu***. |

*Ġustifikazzjoni*

*Peress li n-nisa u l-irġiel għandhom rwoli differenti fis-soċjetà, l-opportunitajiet tagħhom biex jieħdu sehem f'attivitajiet huma differenti wkoll, pereżempju f'termini ta' disponibbiltà tal-ħin u kompatibbiltà mal-obbligi tal-kura rispettivi tagħhom.*

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 6**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (6) L-attivitajiet ta' kommemorazzjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa huma meħtieġa biex iċ-ċittadini jsiru konxji mill-istorja komuni bħala l-pedament għal ġejjieni u skop morali komuni u għal valuri komuni. Ir-rilevanza ta' aspetti storiċi, kulturali u interkulturali jenħtieġ għalhekk li titqies ukoll, kif ukoll ir-rabtiet bejn il-kommemorazzjoni u l-ħolqien ta' identità Ewropea u ***s-sens*** ta' appartenenza komuni. | (6) L-attivitajiet ta' kommemorazzjoni u r-riflessjoni kritika dwar il-memorja storika tal-Ewropa huma meħtieġa biex iċ-ċittadini jsiru konxji mill-istorja komuni bħala l-pedament għal ġejjieni u skop morali komuni u għal valuri komuni. ***Minħabba li storikament kellhom it-tendenza li jiġu ttraskurati, l-istorja tan-nisa u l-influwenza tagħhom fuq avvenimenti storiċi jenħtieġ li jiġu ttrattati bħala kwistjoni ta' sinifikat partikolari.*** Ir-rilevanza ta' aspetti storiċi, kulturali u interkulturali jenħtieġ għalhekk li titqies ukoll, kif ukoll ir-rabtiet bejn il-kommemorazzjoni u l-ħolqien ta' identità Ewropea ***inklużiva*** u ***sens*** ta' appartenenza komuni. |

**Emenda 6**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (8) L-ugwaljanza bejn ***in-nisa u l-irġiel*** hija valur fundamentali u objettiv tal- | (8) L-ugwaljanza bejn ***is-sessi*** hija valur fundamentali u objettiv tal-Unjoni |

| Test propost mill-Kummissjoni | Emenda |
|---|---|
| Unjoni Ewropea. Id-diskriminazzjoni u t-trattament inugwali tan-nisa jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom u jxekklu l-parteċipazzjoni politika, soċjali u ekonomika sħiħa tagħhom fis-soċjetà. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' ostakli strutturali u kulturali tfixkel il-kisba ta' ugwaljanza reali bejn is-sessi. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni hija għalhekk attività ewlenija għall-Unjoni u xprun għat-tkabbir ekonomiku u jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-programm. | Ewropea. ***L-Artikolu 8 jagħti lill-Unjoni l-kompitu li telimina l-inugwaljanzi, u li tippromwovi l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa fl-attivitajiet kollha tagħha. Madankollu l-progress ġenerali fir-rigward tal-ugwaljanza bejn is-sessi huwa bil-mod ħafna. (L-Indiċi tal-Ugwaljanza bejn is-Sessi tal-2017). Spiss*** id-diskriminazzjoni ***intersezzjonali silenzjuża u moħbija*** u t-trattament inugwali tan-nisa ***u l-bniet, kif ukoll diversi forom ta' vjolenza kontra n-nisa,*** jiksru d-drittijiet fundamentali tagħhom u jxekklu l-parteċipazzjoni politika, soċjali u ekonomika sħiħa tagħhom fis-soċjetà. Barra minn hekk, l-eżistenza ta' ostakli ***politiċi,*** strutturali u kulturali tfixkel il-kisba ta' ugwaljanza reali bejn is-sessi. Il-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi fl-attivitajiet kollha tal-Unjoni***, billi jiġu appoġġati l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri u l-objettivi tan-nondiskriminazzjoni, u billi jiġu indirizzati b'mod attiv l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni silenzjuża,*** hija għalhekk attività ewlenija għall-Unjoni u xprun għat-tkabbir ekonomiku u jenħtieġ li tiġi appoġġata mill-programm. |

**Emenda 7**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 8a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(8a) Moviment tad-drittijiet tan-nisa b'saħħtu u indipendenti huwa l-aktar fattur kritiku għat-titjib fid-drittijiet tan-nisa u fl-ugwaljanza bejn is-sessi. Fl-UE, l-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa qegħdin jiġu attakkati dejjem aktar. Għalhekk, huwa fundamentali għall-UE, li tikkontrobatti b'mod effettiv l-ispazju li qed jiċkien tas-soċjetà ċivili, u li tipprovdi appoġġ qawwi lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa, lill-gruppi u lid-difensuri fil-livell lokali, b'mod partikolari*** |

***dawk li jaħdmu f'kuntesti ta' sfida.***

**Emenda 8**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (9) Il-vjolenza bbażata fuq is-sess u l-vjolenza kontra t-tfal u ***ż-żgħażagħ*** tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet fundamentali. Il-vjolenza għadha hemm fl-Unjoni kollha, fil-kuntesti soċjali u ekonomiċi kollha, u għandha riperkussjonijiet serji fuq is-saħħa fiżika u psikoloġika tal-vittmi u fuq is-soċjetà inġenerali. ***It-tfal***, ***iż-żgħażagħ*** u ***n-nisa huma partikolarment vulnerabbli għall-vjolenza***, b'mod ***partikolari f'relazzjonijiet mill-qrib***. Jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal u biex tikkontribwixxi għall-protezzjoni tat-tfal minn danni u vjolenza, li huma perikolużi għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tagħhom għall-iżvilupp, għall-protezzjoni u għad-dinjità. Il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza, il-promozzjoni tal-prevenzjoni u l-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi huma prijoritajiet tal-Unjoni li jgħinu biex jinkisbu d-drittijiet fundamentali tal-individwi u jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-prijoritajiet jenħtieġ li jkunu appoġġati mill-Programm. | (9) Il-vjolenza bbażata fuq is-sess u l-vjolenza kontra t-tfal***, iż-żgħażagħ*** u ***l-anzjani*** tikkostitwixxi ksur serju tad-drittijiet fundamentali ***tal-bniedem, u taffettwa b'mod sproporzjonat lin-nisa u l-bniet, b'mod partikolari f'relazzjonijiet mill-qrib, kif ukoll lil persuni LGBTI u nisa migranti u rifuġjati***. Il-vjolenza għadha hemm fl-Unjoni kollha, fil-kuntesti soċjali u ekonomiċi kollha, u għandha riperkussjonijiet serji fuq is-saħħa fiżika u psikoloġika tal-vittmi u fuq is-soċjetà inġenerali. ***Il-ġlieda kontra l-vjolenza bbażata fuq is-sess tirrikjedi approċċ multidimensjonali li jkopri d-drittijiet legali***, ***edukattivi, tas-saħħa, inklużi d-drittijiet sesswali*** u ***riproduttivi, aspetti ekonomiċi u aspetti oħra tas-soċjetà bħall-appoġġ lill-organizzazzjonijiet tad-drittijiet tan-nisa***, ***l-għoti ta' pariri u assistenza u proġetti li jfittxu li jiksbu l-għan ta' soċjetà aktar ugwali bejn is-sessi. Hemm bżonn li jiġu indirizzati*** b'mod ***attiv l-isterjotipi u n-normi dannużi minn età bikrija, kif ukoll il-forom kollha ta' diskors ta' mibegħda u vjolenza online***. Jenħtieġ li tittieħed azzjoni biex jiġu promossi d-drittijiet tat-tfal u biex tikkontribwixxi għall-protezzjoni tat-tfal minn danni u vjolenza, li huma perikolużi għas-saħħa fiżika u mentali tagħhom u jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet tagħhom għall-iżvilupp, għall-protezzjoni u għad-dinjità. ***Is-sistema tal-ġustizzja tal-UE ma tipprovdix ġustizzja xierqa u protezzjoni lin-nisa u lit-tfajliet u, konsegwentement, il-vittmi tal-vjolenza bbażata fuq is-sess ma jirċevux l-appoġġ meħtieġ; Il-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar*** |

| | |
|---|---|
| | ***il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) tiddefinixxi l-"vjolenza fuq in-nisa" bħala "kull att ta' vjolenza bbażata fuq is-sess li jirriżulta, jew x'aktarx li jirriżulta, fi ħsara jew tbatija fiżika, sesswali jew psikoloġika lin-nisa, inkluż it-theddid ta' atti bħal dawn, ġegħil jew deprivazzjoni arbitrarja tal-libertà, kemm jekk dan isir fil-ħajja pubblika u kemm jekk fil-ħajja privata";*** Il-ġlieda kontra l-forom kollha ta' vjolenza***, kif definita fil-Konvenzjoni ta' Istanbul***, il-promozzjoni tal-prevenzjoni u l-protezzjoni u l-appoġġ għall-vittmi huma prijoritajiet tal-Unjoni li jgħinu biex jinkisbu d-drittijiet fundamentali tal-individwi u jikkontribwixxu għall-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel. Dawn il-prijoritajiet jenħtieġ li jkunu appoġġati mill-Programm. |

**Emenda 9**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 9a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9a) In-nisa mingħajr dokumenti huma partikolarment vulnerabbli għall-vjolenza u għall-abbuż sesswali u ma għandhomx aċċess għall-appoġġ. Huwa kruċjali li jiġi implimentat approċċ iffukat fuq il-vittma u li jiġu offruti servizzi ta' appoġġ adegwati lin-nisa kollha madwar l-Unjoni, irrispettivament mill-istatus ta' residenza tagħhom. Il-ħtieġa għal perspettiva sensittiva għall-ġeneru fil-proċessi tal-asil hija importanti ħafna għal ħidma intersezzjonali u tista' tikkontribwixxi għal aktar ugwaljanza bejn is-sessi.*** |

**Emenda 10**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 9b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(9b) Il-prevenzjoni u l-appoġġ għad-drittijiet tal-vittmi jenħtieġ li jitfasslu bil-parteċipazzjoni tal-grupp fil-mira u jiżguraw li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dawk b'diversi vulnerabbiltajiet.*** |

**Emenda 11**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 10**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (10) Rieda politika qawwija u azzjoni koordinata bbażata fuq il-metodi u r-riżultati tal-Programm Daphne, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u l-Programm Ġustizzja preċedenti huma meħtieġa sabiex jiġu evitati u miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza u biex jiġu protetti l-vittmi. B'mod partikolari, mit-tnedija tiegħu fl-1997, il-finanzjament ta' Daphne biex jiġu appoġġati l-vittmi tal-vjolenza u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal u ż-żgħażagħ kien suċċess ġenwin kemm f'termini tal-popolarità tiegħu mal-partijiet ikkonċernati (awtoritajiet pubbliċi, istituzzjonijiet akkademiċi u organizzazzjonijiet mhux governattivi) u kemm f'termini tal-effettività tal-proġetti ffinanzjati. Dan iffinanzja proġetti li jissensibilizzaw, li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi u li jappoġġaw l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) li jaħdmu fil-post. Dan indirizza l-forom kollha ta' vjolenza, bħal pereżempju l-vjolenza domestika, il-vjolenza sesswali, it-traffikar tal-bnedmin, kif ukoll forom ġodda ta' vjolenza emerġenti bħaċ-ċiberbulliżmu. Għalhekk huwa importanti li jitkomplew dawn l-azzjonijiet kollha u li dawk ir-riżultati u t- | (10) Rieda politika qawwija u azzjoni koordinata bbażata fuq il-metodi u r-riżultati tal-Programm Daphne, il-Programm ta' Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u l-Programm Ġustizzja preċedenti huma meħtieġa sabiex jiġu evitati u miġġielda l-forom kollha ta' vjolenza u biex jiġu protetti l-vittmi. B'mod partikolari, mit-tnedija tiegħu fl-1997, il-finanzjament ta' Daphne biex jiġu appoġġati l-vittmi tal-vjolenza u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa, it-tfal u ż-żgħażagħ kien suċċess ġenwin kemm f'termini tal-popolarità tiegħu mal-partijiet ikkonċernati (awtoritajiet pubbliċi, istituzzjonijiet akkademiċi u organizzazzjonijiet mhux governattivi) u kemm f'termini tal-effettività tal-proġetti ffinanzjati. Dan iffinanzja proġetti li jissensibilizzaw, li jipprovdu servizzi ta' appoġġ lill-vittmi u li jappoġġaw l-attivitajiet ta' organizzazzjonijiet nongovernattivi (NGOs) li jaħdmu fil-post. Dan indirizza l-forom kollha ta' vjolenza, bħal pereżempju l-vjolenza domestika, il-vjolenza sesswali, it-traffikar tal-bnedmin, ***l-istalking u l-prattiki tradizzjonali dannużi bħall-MĠF,*** kif ukoll forom ġodda ta' vjolenza emerġenti bħaċ-ċiberbulliżmu ***u l-fastidju ċibernetiku***. |

| | |
|---|---|
| tagħlimiet meħuda jitqiesu b'mod xieraq fl-implimentazzjoni tal-Programm. | Għalhekk huwa importanti li jitkomplew dawn l-azzjonijiet kollha ***b'allokazzjoni baġitarja indipendenti għal Daphne*** u li dawk ir-riżultati u t-tagħlimiet meħuda jitqiesu b'mod xieraq fl-implimentazzjoni tal-Programm. |

**Emenda 12**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) In-nondiskriminazzjoni huwa prinċipju fundamentali tal-Unjoni. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi azzjoni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. In-nondiskriminazzjoni hija wkoll imnaqqxa fl-Artikolu 21 tal-Karta. Jenħtieġ li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi forom ta' diskriminazzjoni u jenħtieġ li tiġi żviluppata azzjoni xierqa b'mod parallel biex tiġi prevenuta u miġġielda d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' raġuni waħda jew aktar. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li ***jipprevenu*** u ***jikkumbattu*** d-diskriminazzjoni, ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu, il-mibegħda kontra l-Musulmani u forom oħra ta' intolleranza. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u lill-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, mibegħda, segregazzjoni u stigmatizzazzjoni, kif ukoll lill-ġlieda kontra l-bulliżmu, il-fastidju u t-trattament intolleranti. Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod li jirrinforza kemm lilu stess kif ukoll l-attivitajiet l-oħra tal-Unjoni li jkollhom l-istess objettivi, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 intitolata | (11) In-nondiskriminazzjoni huwa prinċipju fundamentali tal-Unjoni. L-Artikolu 19 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi azzjoni għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq is-sess, ir-razza jew l-oriġini etnika, ir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabbiltà, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali. In-nondiskriminazzjoni hija wkoll imnaqqxa fl-Artikolu 21 tal-Karta. Jenħtieġ li jitqiesu l-karatteristiċi speċifiċi tad-diversi forom ta' diskriminazzjoni u jenħtieġ li tiġi żviluppata azzjoni xierqa b'mod parallel biex tiġi prevenuta u miġġielda d-diskriminazzjoni fuq il-bażi ta' raġuni waħda jew aktar. Jenħtieġ li l-Programm jappoġġa azzjonijiet li ***jipprevjenu*** u ***jiġġieldu kontra*** d-diskriminazzjoni***, il-misoġinija, ix-xjuħija***, ir-razziżmu, il-ksenofobija, l-antisemitiżmu, il-mibegħda kontra l-Musulmani u forom oħra ta' intolleranza***, filwaqt li jqis id-diversi livelli ta' diskriminazzjoni li jħabbtu wiċċhom magħhom in-nisa***. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-prevenzjoni u lill-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza, mibegħda, segregazzjoni u stigmatizzazzjoni, kif ukoll lill-ġlieda kontra l-bulliżmu, il-fastidju u t-trattament intolleranti. Il-Programm jenħtieġ li jiġi implimentat b'mod li jirrinforza kemm lilu stess kif ukoll l-attivitajiet l-oħra tal-Unjoni li jkollhom l- |

"Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020[10]" u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri[11].

istess objettivi, b'mod partikolari dawk imsemmija fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' April 2011 intitolata "Qafas tal-UE għal Strateġiji Nazzjonali għall-Integrazzjoni tar-Roma fl-2020[10]" u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-9 ta' Diċembru 2013 dwar miżuri ta' integrazzjoni tar-Rom effettivi fl-Istati Membri[11].

[10] COM(2011) 173.

[11] ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.

[10] COM(2011) 173.

[11] ĠU C 378, 24.12.2013, p. 1.

**Emenda 13**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) L-ostakli attitudinali u ambjentali kif ukoll in-nuqqas ta' aċċessibbiltà jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà fuq bażi ugwali mal-oħrajn. Il-persuni b'diżabbiltà jaffaċċjaw ostakli biex, fost affarijiet oħra, ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol, jibbenefikaw minn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, jevitaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, igawdu aċċess għal inizjattivi kulturali u għall-midja jew jużaw id-drittijiet politiċi tagħhom. Bħala parti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), l-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha impenjaw ruħhom li jippromovu, jipproteġu u jiżguraw tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha. Id-dispożizzjonijiet tal-UNCRPD saru parti integrali mill-ordni legali tal-Unjoni. | (12) L-ostakli attitudinali u ambjentali kif ukoll in-nuqqas ta' aċċessibbiltà jfixklu l-parteċipazzjoni sħiħa u effettiva ta' persuni b'diżabbiltà fis-soċjetà fuq bażi ugwali mal-oħrajn. Il-persuni b'diżabbiltà jaffaċċjaw ostakli biex, fost affarijiet oħra, ikollhom aċċess għas-suq tax-xogħol, jibbenefikaw minn edukazzjoni inklużiva u ta' kwalità, jevitaw il-faqar u l-esklużjoni soċjali, igawdu aċċess għal inizjattivi kulturali u għall-midja jew jużaw id-drittijiet politiċi tagħhom. ***In-nisa u l-bniet b'diżabilità jistgħu jiltaqgħu ma' diversi forom ta' diskriminazzjoni u jista' jkollhom diffikultajiet biex ikollhom aċċess għas-servizzi tas-saħħa, inklużi s-servizzi tas-saħħa sesswali u riproduttiva.*** Bħala parti mill-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà (UNCRPD), l-Unjoni u l-Istati Membri kollha tagħha impenjaw ruħhom li jippromovu, jipproteġu u jiżguraw tgawdija sħiħa u ugwali tad-drittijiet tal-bniedem u tal-libertajiet fundamentali kollha mill-persuni b'diżabbiltà kollha. Id-dispożizzjonijiet tal- |

UNCRPD saru parti integrali mill-ordni legali tal-Unjoni.

**Emenda 14**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (15) B'mod konformi mal-Artikoli 8 u 10 TFUE, il-Programm fl-attivitajiet kollha tiegħu jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni ***bejn is-sessi*** u l-integrazzjoni tal-objettivi tan-nondiskriminazzjoni. | (15) B'mod konformi mal-Artikoli 8 u 10 TFUE, il-Programm fl-attivitajiet kollha tiegħu jenħtieġ li jappoġġa l-integrazzjoni ***tal-perspettiva tal-ġeneri*** u l-integrazzjoni tal-objettivi tan-nondiskriminazzjoni***, u jippromwovi l-użu tal-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru fejn meħtieġ matul il-proċess baġitarju tal-UE***. ***L-implimentazzjoni xierqa tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri tirrikjedi bbaġittjar skont il-ġeneru fil-linji baġitarji rilevanti kollha, u l-allokazzjoni ta' riżorsi adegwati u t-trasparenza fil-linji baġitarji ddedikati għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni abbażi ta' ġeneru. Il-proġetti individwali u l-Programm bħala tali jenħtieġ li jiġu riveduti fi tmiem il-perjodu ta' finanzjament biex jiġi determinat kemm servew il-prinċipji msemmijin hawn fuq.*** |

**Emenda 15**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 18**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (18) Il-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem ***u*** l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni, fis-salvagwardja u fis-sensibilizzazzjoni tal-valuri komuni tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 TUE, u biex jikkontribwixxu għat-tgawdija effettiva | (18) Il-korpi indipendenti tad-drittijiet tal-bniedem***,*** l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili ***u l-attivisti*** għandhom rwol essenzjali fil-promozzjoni, fis-salvagwardja u fis-sensibilizzazzjoni tal-valuri komuni tal-Unjoni skont l-Artikolu 2 TUE, u biex jikkontribwixxu għat-tgawdija |

tad-drittijiet skont id-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Kif rifless fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018, appoġġ finanzjarju adegwat huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' ambjent konduċenti u sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex isaħħu r-rwol tagħhom u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u effettiv. Filwaqt li jikkomplementaw l-isforzi fuq il-livell nazzjonali, il-fondi tal-UE jenħtieġ għalhekk li jikkontribwixxu biex jappoġġaw, jagħtu s-setgħa u jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti li huma attivi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-attivitajiet tagħhom jgħinu fl-infurzar strateġiku tad-drittijiet skont id-dritt tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' promozzjoni u sorveljanza, kif ukoll ***jikkontribwixxu***, jissalvagwardjaw u jqajmu kuxjenza dwar il-valuri komuni tal-Unjoni fil-livell nazzjonali.

effettiva tad-drittijiet skont id-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE. Kif rifless fir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' April 2018, appoġġ finanzjarju adegwat huwa essenzjali għall-iżvilupp ta' ambjent konduċenti u sostenibbli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili biex isaħħu r-rwol tagħhom u jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod indipendenti u effettiv. ***Organizzazzjonijiet iżgħar, li jaħdmu ħafna biex iħarsu l-valuri Ewropej u d-drittijiet fundamentali, jenħtieġ li jkunu jistgħu jirċievu appoġġ mingħajr dewmien jew kumplikazzjonijiet. Kull meta dawk il-valuri u d-drittijiet jisfaw attakkati minn kampanji u sforzi oħra, jenħtieġ li jkun disponibbli finanzjament ta' emerġenza, li jista' jinkiseb permezz ta' proċeduri ta' applikazzjoni sempliċi, biex jappoġġa kontromiżuri immedjati.*** Filwaqt li jikkomplementaw l-isforzi fuq il-livell nazzjonali, il-fondi tal-UE jenħtieġ għalhekk li jikkontribwixxu***, fuq bażi kontinwa fit-tul*** biex jappoġġaw, jagħtu s-setgħa u jibnu l-kapaċità tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili indipendenti li huma attivi fil-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u li l-attivitajiet tagħhom jgħinu fl-infurzar strateġiku tad-drittijiet skont id-dritt tal-UE u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' promozzjoni u sorveljanza, kif ukoll ***jippromwovu***, jissalvagwardjaw u jqajmu kuxjenza dwar il-valuri komuni tal-Unjoni fil-livell nazzjonali. ***Proġetti fi Stati Membri fejn id-drittijiet fundamentali, u b'hekk id-drittijiet tan-nisa, qed jiġu partikolarment mhedda, jenħtieġ li jikkostitwixxu prijorità ulterjuri. Il-Programm jenħtieġ li jkollu l-għan li jżid il-flessibbiltà u l-aċċessibbiltà tal-fondi tiegħu u jipprovdi l-istess opportunitajiet u kundizzjonijiet ta' finanzjament għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili fl-UE kif ukoll għal dawk barra minnha.***

**Emenda 16**

**Proposta għal regolament**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza kumplessiva, ***il-kumplimentarjetà*** u s-sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jenħtieġ li tivvaluta l-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħrajn fl-oqsma koperti mill-Programm. | (19) Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiżgura l-konsistenza kumplessiva, ***il-komplementarjetà*** u s-sinerġiji mal-ħidma tal-korpi, tal-uffiċċji u tal-aġenziji tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi u l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u jenħtieġ li tivvaluta l-ħidma ta' atturi nazzjonali u internazzjonali oħrajn fl-oqsma koperti mill-Programm. ***Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiggwida b'mod attiv lill-parteċipanti ta' dan il-Programm biex jużaw ir-rapporti u r-riżorsi ġġenerati minn dawn il-korpi, l-uffiċċji u l-aġenziji tal-Unjoni, bħall-ibbaġitjar skont il-ġeneru u l-għodod għall-valutazzjoni tal-ġeneru żviluppati mill-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi.*** |

**Emenda 17**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri ("il-Programm"). | Dan ir-Regolament jistabbilixxi l-programm dwar id-Drittijiet***, l-Ugwaljanza*** u l-Valuri ("il-Programm"). |
| | *(Din l-emenda tapplika għat-test kollu u jeħtieġ li jsiru l-bidliet korrispondenti fit-test kollu.)* |

.

**Emenda 18**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jipproteġi u jippromovi d-drittijiet u l-valuri kif imnaqqxa fit-Trattati tal-UE, inkluż billi jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex is-soċjetajiet miftuħa, demokratiċi u inklużivi jiġu sostnuti. | 1. L-objettiv ġenerali tal-Programm huwa li jipproteġi u jippromovi d-drittijiet u l-valuri kif imnaqqxa fit-Trattati tal-UE, inkluż billi jingħata appoġġ lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili sabiex is-soċjetajiet miftuħa, demokratiċi***, ugwali*** u inklużivi jiġu sostnuti. ***Kemm dan il-Programm kif ukoll il-proġetti li għandhom jiġu ffinanzjati huma marbuta bil-prinċipju tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.*** |

**Emenda 19**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) għall-promozzjoni tal-ugwaljanza u ***tad-drittijiet*** (il-linja ***għall-Ugwaljanza*** u ***d-drittijiet***), | (a) għall-promozzjoni ***tad-drittijiet tal-bniedem,*** tal-ugwaljanza u ***tan-nondiskriminazzjoni*** (il-linja ***għad-Drittijiet*** u ***l-Ugwaljanza***), |

**Emenda 20**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) għall-ġlieda tal-vjolenza (il-linja Daphne)**.** | (c) għall-ġlieda tal-vjolenza ***bbażata fuq is-sess*** (il-linja Daphne)**,** |

*Ġustifikazzjoni*

*Minħabba riżorsi limitati, il-linja Daphne għandha tiffoka fuq il-vjolenza bbażata fuq is-sess bħala forma speċifika ta' vjolenza u ma għandhiex tiġi estiża. Il-vjolenza kontra gruppi oħra għandha tiġi koperta taħt il-linja 1 "Ugwaljanza u Drittijiet" tal-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri (li fil-proposta tal-Kummissjoni tinkludi "il-prevenzjoni u l-ġlieda tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali").*

**Emenda 21**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 2 aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) għall-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn is-sessi u għall-avvanz tal-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri (il-linja dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri);*** |

**Emenda 22**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali***,*** u li jappoġġa politiki komprensivi li jippromovu l-ugwaljanza ***bejn is-sessi u l-ġlieda*** kontra d-diskriminazzjoni u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll politiki li jikkumbattu r-razziżmu u l-forom kollha ta' intolleranza; | (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda tal-inugwaljanzi u d-diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess, oriġini razzjali jew etnika, reliġjon jew twemmin, diżabbiltà, età jew orjentazzjoni sesswali ***jew taħlita tagħhom;*** u li jappoġġa politiki komprensivi li jippromovu l-ugwaljanza***, il-ġlieda*** kontra d-diskriminazzjoni***, id-diversità, l-inklużività*** u l-integrazzjoni tagħhom kif ukoll politiki li jikkumbattu r-razziżmu u l-forom kollha ta' ***mibegħda u*** intolleranza; |

**Emenda 23**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni*** | (b) ***l-appoġġ ta' politiki komprensivi għall-ġlieda kontra r-razziżmu u l-forom*** |

| | |
|---|---|
| ***b'diżabbiltà, id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.*** | ***kollha ta' mibegħda u intolleranza u l-promozzjoni tal-ugwaljanza, il-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni, id-diversità u l-inklużività.*** |

**Emenda 24**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) il-protezzjoni u l-promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal, id-drittijiet tal-persuni b'diżabbiltà, id-drittijiet taċ-ċittadinanza tal-Unjoni u d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali.*** |

**Emenda 25**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 3a*** |
| | ***Ugwaljanza bejn is-sessi u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri*** |
| | ***Fi ħdan l-objettiv speċifiku stabbilit fil-punt (aa) tal-Artikolu 2(2), il-Programm għandu jiffoka fuq l-appoġġ ta' politiki u programmi komprensivi li jippromwovu d-drittijiet tan-nisa, l-ugwaljanza bejn is-sessi, it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri.*** |

**Emenda 26**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-komprensjoni taċ-ċittadini dwar l-Unjoni, l-istorja, il-wirt kulturali u d- | (a) il-komprensjoni taċ-ċittadini dwar l-Unjoni, l-istorja, il-wirt kulturali u d- |

| | |
|---|---|
| diversità tagħha; | diversità tagħha; ***it-tisħiħ tal-profil u l-parteċipazzjoni tan-nisa u l-persuni bi sfondi u identitajiet varji bil-ħsieb li tinħoloq identità Ewropea inklużiva;*** |

**Emenda 27**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ba) l-iżgurar ta' ambjent favorevoli għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u d-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, b'appoġġ tal-kapaċità tagħhom li jippromwovu d-drittijiet tal-bniedem, id-demokrazija, l-istat tad-dritt u l-ugwaljanza bejn is-sessi, filwaqt li tiġi żgurata l-protezzjoni ta' organizzazzjonijiet, gruppi u individwi li jiddefendu dawn il-valuri;*** |

**Emenda 28**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kull forma ta' vjolenza ***kontra t-tfal, iż-żgħażagħ*** u ***n-nisa, kif ukoll il-vjolenza*** kontra ***gruppi oħra f'riskju***; | (a) il-prevenzjoni u l-ġlieda ta' kull forma ta' vjolenza ***bbażata fuq is-sess*** u ***l-promozzjoni tal-implimentazzjoni sħiħa tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda*** kontra ***l-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) fil-livelli kollha***; ***kif ukoll*** |

**Emenda 29**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) l-appoġġ u ***l-protezzjoni tal-vittmi*** ta' ***tali*** vjolenza. | (b) l-appoġġ u ***l-iżgurar tal-istess livell*** ta' ***protezzjoni madwar l-UE għall-vittmi ta'*** vjolenza ***bbażata fuq is-sess***. |

**Emenda 30**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) EUR [***408.705.000***] għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(2)(a) u 2(2)(c); | (a) EUR [***484.000.000 fi prezzijiet kostanti***] għall-objettivi speċifiċi msemmija fl-Artikolu 2(2)(a)***, 2(2)(a)(a)*** u ***2(2)(c) li minnhom mill-inqas 20 % ikunu riżervati għall-implimentazzjoni ta' 2(2)(a)(a) u mill-inqas 50 % ikunu riżervati għall-implimentazzjoni ta'*** 2(2)(c); |

**Emenda 31**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 6 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, studji, laqgħat ta' esperti, komunikazzjonijiet dwar prijoritajiet u oqsma marbuta mal-objettivi ġenerali tal-programm. | 3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jintuża għal assistenza teknika u amministrattiva għall-implimentazzjoni tal-Programm, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditu u ta' evalwazzjoni inklużi sistemi korporattivi tat-teknoloġiji tal-informazzjoni, studji, ***konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili li tinkludi organizzazzjonijiet u netwerks tan-nisa, taħriġ dwar l-integrazzjoni tal-perspettiva tan-nisa, valutazzjonijiet tal-impatt tal-ġeneru,*** laqgħat ta' esperti, komunikazzjonijiet dwar prijoritajiet u oqsma marbuta mal-objettivi ġenerali tal-programm. |

**Emenda 32**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 8 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Il-Programm għandu jipprovdi l-possibbiltà li jappoġġa organizzazzjonijiet mhux irreġistrati u difensuri individwali tad-drittijiet tal-bniedem, inkluż permezz ta' proċeduri ta' għotjiet diretti u eliġibbiltà ristretta; għotjiet ta' valur baxx; fejn xieraq mingħajr il-ħtieġa ta' kofinanzjament, u b'kunfidenzjalità fejn meħtieġ, li jiffinanzja azzjonijiet fl-aktar kundizzjonijiet diffiċli; joffri mill-ġdid mekkaniżmi, bħala mod biex jiżgura li l-appoġġ jingħata lill-organizzazzjonijiet lokali u nazzjonali tas-soċjetà ċivili u lid-difensuri tad-drittijiet tal-bniedem.*** |

**Emenda 33**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 10 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul minn esperti esterni. | 2. Il-kumitat ta' evalwazzjoni jista' jkun magħmul minn esperti esterni***, bil-kundizzjoni li l-kompożizzjoni tiegħu tkun ibbażata fuq il-parità***. |

**Emenda 34**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 12 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Netwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET) għall-kopertura tan-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu. | 3. Għotja operattiva tista' tingħata mingħajr sejħa għal proposti lin-Netwerk Ewropew għall-Korpi tal-Ugwaljanza (EQUINET) għall-kopertura tan-nefqa assoċjata mal-programm ta' ħidma permanenti tiegħu ***dment li tkun tlestiet*** |

| | |
|---|---|
| | ***valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru tal-programm ta' ħidma tagħhom**.* |

**Emenda 35**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 13 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19. | 2. Il-programm ta' ħidma għandu jiġi adottat mill-Kummissjoni ***wara li twettaq valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru u*** permezz ta' att ta' implimentazzjoni. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont il-proċedura konsultattiva msemmija fl-Artikolu 19. |

**Emenda 36**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-indikaturi għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi stipulati fl-Artikolu 2 huma stabbiliti fl-Anness II. | 1. L-indikaturi ***diżaggregati skont il-ġeneru*** għar-rapportar dwar il-progress tal-Programm lejn il-kisba tal-objettivi speċifiċi***, inklużi dawk relatati mal-ugwaljanza bejn is-sessi,*** stipulati fl-Artikolu 2 huma stabbiliti fl-Anness II. |

**Emenda 37**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 14 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-dejta għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. Għal dan il-għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq dawk li jirċievu | 3. Is-sistema ta' rapportar dwar il-prestazzjoni għandha tiżgura li d-dejta għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-programm tinġabar b'mod effiċjenti, effettiv, u f'waqtu. ***Din id-data għandha tkun diżaggregata skont is-sess meta applikata kif suppost.*** Għal dan il- |

| | |
|---|---|
| l-fondi tal-UE u l-Istati Membri. | għan, għandhom jiġu imposti rekwiżiti ta' rapportar proporzjonat fuq dawk li jirċievu l-fondi tal-UE u l-Istati Membri. |

**Emenda 38**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-evalwazzjonijiet għandhom jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. | 1. L-evalwazzjonijiet għandhom ***ikunu sensittivi għall-ġeneru, jipprovdu ċifri diżaggregati skont il-ġeneru, jinkludu kapitlu speċifiku għal kull linja u jqisu l-għadd ta' persuni milħuqa, il-feedback tagħhom u l-kopertura ġeografika tagħhom u*** jitwettqu f'waqthom sabiex jikkontribwixxu għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet. |

**Emenda 39**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-impatt fit-tul tal-programmi predeċessuri (Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u L-Ewropa għaċ-Ċittadini). | 2. L-evalwazzjoni interim tal-Programm għandha titwettaq ladarba jkun hemm biżżejjed informazzjoni disponibbli dwar l-implimentazzjoni tal-Programm, iżda mhux aktar tard minn erba' snin wara l-bidu tal-implimentazzjoni tal-programm. L-evalwazzjoni ta' nofs it-terminu għandha tqis ir-riżultati tal-evalwazzjonijiet tal-impatt fit-tul tal-programmi predeċessuri (Drittijiet, Ugwaljanza u Ċittadinanza u L-Ewropa għaċ-Ċittadini). ***L-evalwazzjoni interim għandha tinkludi valutazzjoni tal-impatt tal-ġeneru biex tivvaluta l-punt sa fejn il-miri tal-ugwaljanza bejn is-sessi tal-Programm qed jintlaħqu, biex jiġi żgurat li l-ebda komponent tal-Programm mhu qed ikollu impatti negattivi mhux intenzjonati fuq l-ugwaljanza bejn is-sessi u biex jiġu identifikati*** |

***rakkomandazzjonijiet dwar kif jistgħu jiġu żviluppati sejħiet għal proposti futuri u deċiżjonijiet ta' għotjiet operattivi sabiex jiġu promossi b'mod attiv kunsiderazzjonijiet tal-ugwaljanza bejn is-sessi.***

**Emenda 40**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 16 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. | 4. Qabel ma tadotta l-att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-esperti maħtura minn kull Stat Membru b'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016***, filwaqt li tikkunsidra l-parità***. |

**Emenda 41**

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 18 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 2. | 2. Il-Kummissjoni għandha timplimenta azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni relatati mal-Programm, u l-azzjonijiet u r-riżultati tiegħu. Ir-riżorsi finanzjarji allokati għall-Programm għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-komunikazzjoni korporattiva dwar il-prijoritajiet politiċi tal-Unjoni, sakemm dawn ikunu relatati mal-objettivi msemmija fl-Artikolu 2. ***L-Istati Membri għandhom jappoġġaw b'mod attiv dawn l-attivitajiet ta' informazzjoni.*** |

## PROĊEDURA TAL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| | |
|---|---|
| **Titolu** | Nistabbilixxu l-Programm dwar id-Drittijiet u l-Valuri |
| **Referenzi** | COM(2018)0383 – C8-0234/2018 – 2018/0207(COD) |
| **Kumitat responsabbli**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | LIBE<br>14.6.2018 |
| **Opinjoni mogħtija minn**<br>Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja | FEMM<br>14.6.2018 |
| **Associated committees - date announced in plenary** | 5.7.2018 |
| **Rapporteur għal opinjoni**<br>Data tal-ħatra | Sirpa Pietikäinen<br>12.7.2018 |
| **Eżami fil-kumitat** | 10.10.2018 |
| **Data tal-adozzjoni** | 21.11.2018 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 21<br>–: 2<br>0: 2 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Daniela Aiuto, Malin Björk, Vilija Blinkevičiūtė, Anna Maria Corazza Bildt, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Florent Marcellesi, Barbara Matera, Angelika Mlinar, Maria Noichl, Pina Picierno, Terry Reintke, Ernest Urtasun, Anna Záborská |
| **Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali** | Biljana Borzan, Lívia Járóka, Urszula Krupa, Clare Moody, Mylène Troszczynski, Julie Ward |
| **Sostituti (skont l-Artikolu 200(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Paloma López Bermejo, Marisa Matias |

## VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI

| 21 | + |
| --- | --- |
| ALDE | Angelika Mlinar |
| EFDD | Daniela Aiuto |
| GUE/NGL | Malin Björk, Paloma López Bermejo, Marisa Matias |
| PPE | Lívia Járóka, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Agnieszka Kozłowska-Rajewicz, Barbara Matera |
| S&D | Vilija Blinkevičiūtė, Biljana Borzan, Iratxe García Pérez, Anna Hedh, Mary Honeyball, Clare Moody, Maria Noichl, Pina Picierno, Julie Ward |
| VERTS/ALE | Florent Marcellesi, Terry Reintke, Ernest Urtasun |

| 2 | - |
| --- | --- |
| ECR | Urszula Krupa |
| ENF | Mylène Troszczynski |

| 2 | 0 |
| --- | --- |
| PPE | Anna Maria Corazza Bildt, Anna Záborská |

Tifsira tas-simboli użati:
+ : favur
- : kontra
0 : astensjoni